

MIEL MILLECAMPS TEFENKGI VANYDA YOU

GĦAJNUNA KONKRETA



Il-Kummissjoni Ewropea



Skopri wkoll billi taqra “Nifs Ġdid” kif Julie, Viktor, Pedro u Fianne irnexxielhom jibdedw ħajja ġdida permezz tal-programmi ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew. Biex tordna l-ewwel volum, disponibbli fit-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, żur il-websajt: <http://ec.europa.eu/esf/taketwo>

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f’isem il-Kummissjoni m’huma responsabbli mill-użu li jista’ jsir mill-informazzjoni li tinsab f’dan id-dokument.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek
issib tweġibiet għall-mistoqsijiet
tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas(*):
00 800 6 7 8 9 10 11

(*). Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet. Jista’ jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>)

Informazzjoni dwar il-katalogar kif ukoll l-astratt jinsabu fit-tmien ta’ din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-79-16911-3
doi: 10.2767/55727

© L-Unjoni Ewropea, 2011
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

MIEL MILLECAMPS TEFENKGI VANYDA YOU

GĦAJNUNA KONKRETA

ALEX



tefenki

WALES





Dażgur li niftakar.
L-agħar episodju ta' ħajti!



25 SENA QABEL



LE!!!







Mela inti, ibni! Dak il-vann ħsibtu tas-sid, ġej biex ikeċċini...



Allura Sur George kif aħna?

Idħol, ejja ixrob xi ħaġa! Ejja ħa dduq il-likur tal-ġhasel tiegħi! Dis-sena tajjeb immens!



Tassew tajjeb, fil-fatt!

Isa, ejja ħa tara n-naħal issa!



In-nanna tgħarrfitli xi ħaġa dwar is-sitwazzjoni... Meta se titlaq?? U d-dogqajs? X'se jsir minnhom?



Is-sid tani tliet xhur.



X'ħasra, għasel ta' din il-kwalità! U dan kollu se jspicċa?

Sakemm...





CARDIFF

Sitwazzjoni vaga ħafna. M'għandek pjan ta' ħidma... lanqas garanzija... u m'għandi l-ebda mandat... Issa nibgħat il-fajl l-uffiċċju... Imma sinċerament, diġà naf x'se jgħidu.



Għadna ma wasalniex!



Bid-dejn li diġà għandek, impossibbli. Iżda għax ma tmurx tkellem bank speċjalizzat fil-mikro-kreditu marbut mal-ħolqien ta' kumpaniji? Hawn wieħed f'din il-belt... Hawn ara, dan huwa l-indirizz.







Isma' qed tbeżżgħani b'din is-serjetà kollha, tafx!



Kemm-il vażett tal-għasel iproducejt is-sena l-oħra?



Uuu... Tlieta jew erba' mija... Forsi xi ftit aktar.

U kif tbiegħhom?
B'liema prezz?




Jiddependi... Imma nqassam ħafna fir-raħal, lill-familja...



U l-likur tal-għasel?

Dik riserva personali...
Ħadd ma jmissha!



Tajjeb, Sur George, ejja nkunu preċiżi! Jekk trid li nieħu n-negozju tiegħek jien, għandi bżonn il-figuri biex nikkonvinċi lill-organizzazzjoni li se ssellifni l-flus...


DISA' XHUR WARA



Qed tara kif għamilt sew li bassart affarijiet kbar! Kważi rduppajna l-ġbir tal-għasel!



U mhux għax nieħu gost nammetti tafx, iżda l-likur tal-għasel tiegħek kważi itjeb minn tiegħi!



Evviva!



Tajjeb, għadni m'inix lest, għad fadalli xi kunsinni x'naghme!!




Li kieku kont naf x'se jiġri minn qabel, kont naħsibha darbtejn qabel ma dħalt bil-moħbi minn bejn is-sies tal-ħaxix.




Heqq, iva, issa tard wisq! Il-kurżità vizzju ikrah. Aħjar ħadet ħsiebek sew nanntek, ħahaha!



NATALINE




MILLE
CAMPS







L-GĦADA FILGĦODU.



AJRUPT TA' RIGA,
IL-LATVJA

Kif int,
Nataline? Ma
tidhixx tajba
bħal fuq il-
poster...



Iva... Owkej
ħbieb, issa
biżżejjed!
Ghajjejtuni!
Intom insistejtu
biex noħroġ
ilbieraħ!



Wara kollox,
jien...

Nataline??
Nataline??





Kif tħossok, sinjorina?

Għajjiena ħafna.



Għandek is-sintomi kollha ta' eżawriment. Kulma nista' nissuġġerilek huwa mistrieħ, u aktar mistrieħ. Xi ffit ġimgħat mill-inqas.

X'inhu x-xogħol tiegħek?



Jiena mudella. Ilni tmien snin.



M'għandix ħinijiet. Dejjem x'ħin jinqala'... Imma x-xogħol minnu hekk...

Se nkun sinċier miegħek. Naħseb aħjar issib attività oħra... Tibda ħajja oħra. Dak li ġralek ma kiensex xi ċajta.



U bħala ħinijiet, xi tgħidli?


Nissuġġerilek li tikkuntattja wieħed mill-psikologi tagħna.



Jien kissritni l-ħajja ta' bil-lejl... Jiena wejtres f'diskoteka... Kont insejt x'inhu d-dawl ta' binhar qabel ma spiċċajt hawnhekk...



TLETT IJIEM WARA





X'diploma għandek?

Studjajt l-istorja tal-Arti, iżda waqft nistudja sabiex insir mudella.



Meta kont żgħira kont toħlom li ssir xi ħaġa?



Mhux mudella żgur...

Le, kont interessata fil-kummerċ. Il-ġenituri tiegħi kienu indipendenti. Dejjem xtaqt li jkollni n-negozju tiegħi... Imma issa tard wisq. M'għandix idea ta' ġestjoni.




Qatt m'huwa tard. Bl-appoġġ tal-Ewropa, aħna noffru korsijiet ta' ġestjoni li huma bażi solida b'xi tibda proġett personali. Hija biss kwistjoni ta' rieda u ta' żmien.



Żmien kieku għandi issa. U għandi ftit flus imġemmgħin. Kont naqla' flus tajba bix-xogħol li kelli.



Tajjeb wisq! It-taħriġ huwa responsabbiltà tagħna. Inti aħseb u sawwar il-proġetti tiegħek.





Għandi idea tajba, imxi!



Xi ġmiel ta' ħaxix għandhom!

U l-parti l-kbira tiegħu huwa organiku!



Issa nagħmillek insalata kif naf jien!



Ma noqgħodx 'il bogħod ħafna.



Poġġi bilqiegħda! Ħa nieħu ħsieb kolloxx jien!

Le tafx! Ħa ngħinek jew għall-inqas ħa noqgħod narak.



Tagħmel il-mirakli bix-xejn int, Julia! Qed ittini idea, tafx!

Taf int, fuq kolloxx hija kwistjoni ta' freskezza u ta' kwalità tal-prodotti... Isma', x'inhil-idea tiegħek? Qed narak taħseb u l-biċċa qiegħda tinteressani.

FTIT ĠIMGĦAT WARA



Għandkom
aktar
mistoqsijiet? Ħa
ngħaddu għall-
prattika.



It-tqattigħ tal-
ħaxix hija arti.
Jitlob movimenti
preċiżi. Teknika
esperta. Aqbd
s-sikkina.



Il-bilanċ tal-kont huwa
dokument li jiġbor fih
dak kollu li għandha
l-kumpanija f'mument
partikolari...



Dak jissejjaħ l-attiv u
r-riżorsi tagħha huma
l-passiv.







FTIT JIEM WARA



Stenna, Julia! Ħa nibqgħu niftakruh dan il-mument!



Issa int imissek!



Tajjeb Nataline! Qisek minn dejjem kont taf tippoża!



Tajjeb, naħseb bdejna bit-tajjeb!


Stenna! Dan għadu biss l-ewwel pass... Nistgħu inniedu linja ta' prodotti organiċi tagħna stess u niftħu sezzjoni tal-merċa... Għad fadalli xi ideat oħra...!

IVANA



Vanyda

SIHANOUKVILLE, IL-KAMBODJA





Iva,
jjena...

Jien in-nutar
Ferreri. Tgħidx
kemm ilni
nipprova nsibek.
Għandi xi
ngħidlek dwar
missierek.



Miet. Jiddispaċini.

... Meta?



Tliet ġimgħat ilu.
Jeħtieġ li tiġi Milan biex
insolvu l-formalitajiet
kollha tas-suċċessjoni.



Lanqas għandi biex
nixtri tazza birra,
aħseb u ara biljett
għal Milan...



Issa nagħtuk
xi ħaġa aħna,
Ivana.

Nirringrazzjakom
ħafna, ħbieb.
Meta kolloxx jitranġa
nagħtikom kolloxx lura
bl-interessi b'kolloxx.

MILAN







Sinjura għandek appuntament?

Le, jiena qariba. Ivana, in-neputija tas-Sinjura Polidoro.



Xtaqna li kieku kont preżenti għaċ-ċerimonja...

Bonġu, jien ukoll zi...



Kienu jistennew ħafna minnek!

Missierek u ommok kienu mweġġgħin wisq.



Ara... Din il-ħela kollha!

Zi, m'għandi dispaċir ta' xejn.

Qatt ma xtaqt inweġġa' lil missieri u lil ommi...



... Imma ma kontx tajba għall-ħajja li kienu ħasbu għalija. Nixtieq immur lura malajr kemm jista' jkun, iżda missieri dejn biss ħallieli...

M'għandix flus biex nixtri biljett tal-ajru, tista' tgħinni?

Miskina! Sfortunatament m'għandi xejn għalik. Diġà nsibha diffiċli ħafna biex inżomm din id-dar enormi kif suppost.


Hu ftit gallettini, Ivan gābhom minn Riga. In-neputija tiegħu, Nataline, fetħet kafetterija organika hemmhekk.







Se jaqa' l-bard illejla. Naħseb nista' nghaqquad dawn il-fdalijiet tad-drapp biex nilqgħu naqra mill-bard.



Merħba, Ivana!









Dik l-istorja kollha...

Naħseb għandek tgħaddi saċ-ċentru Piccolo Mondo.

Irċevejna l-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew għall-ftuħ ta' ħanut tal-ħwejjeġ użati.



U dan il-proġett għe mfassal, fost oħrajn, sabiex jgħin nies ta' talent bħalek.



Issa, għandek sorpiża!!

Awguri f'għeluq sninek, Sergio!!



Din l-isbaħ parti f'għeluq il-50 sena tiegħi li qatt kelli!

Nawguralek!!

SITT ĠIMGĦAT WARA

Għandna pjaċir
nilqgħuk fil-ħanut
ġdid tagħna.

Aħna kburin
ukoll li qeġħdin
nippreżentawlek
il-kollezzjoni ta'
ħwejjeġ tagħna...

... Maħluqa
esklussivament
minn drappijiet
irkuprati mill-istilista
tagħna Ivana.

SIHANOUKVILLE, IL-KAMBODJA

Għandna aħbarijiet
mingħand Ivana...
U ċekk, ħbieb! Illejja
niċċelebraw!!


Chhim, naħseb illum
l-awwisti kollha se
nixtru mingħandek!

DIMITRA





Bil-lest. Tista' tmur lura tilgħab, Raluca.
Imma oqgħod attenta e... Il-qasma
għadha ma fieqtx għal kollox.



M'intix tħossok tajba?





Jekk trid tgħinni, mur onxor il-ħwejjeġ.



Bewsa żgħira ta' nkoraġġiment lill-missier favorit tiegħi!




Duq dan il-frawli, Malva ħanini!



AJMA









X'qiegħda tagħmel hawn?
Donnok imdejqa...



Le, imma
d-dar ma tantx
hemm xi pjaċir.
Meta omni
jitilgħulha,
nippreferi
nitlaq 'il barra!



Fiha tip
ommok.
Ma tidhix
f'sikkitha...



Minħabba
t-tarbija li gejjja.
Muġuġha,
allura tagħmel
in-nervi!



Hemm bżonn li tiġi żżurna
ċ-ċentru!

M'hemmx
ċans! Jekk ma
tiddeċidix hi,
ma tiġix!



Xorta rridu nsibu soluzzjoni.

U int? Xi tgħidli
dwarek?



Kif int sejra l-iskola? Diġà ħsibt x'tixtieq tagħmel la tikber?

Iva, indur id-dinja!



Pjan sabiħ. Imma qabel tagħmel dan jeħtieġ li tistudja u mbagħad tmur taħdem! Għandek bżonn il-flus biex tivvjaġġa.



Jien se nkun kaptan tal-vapuri meta nikber.



Lili teħodni fuq il-vapur tiegħek?



Iva. Diġà pinġejtu tafx! Trid tarah?

Dażgur! Ejja ċ-ċentru għada wara l-iskola u urihuli!




Kif int ma?

Mhux ħażin...
Kemmi nistrieħ ffitit...
Ajma! Santa Marija!



Għax ma
tmurx għand
tabib!?

Ħallini kwieta,
trid? Mur ilgħab
barra.



L-GĦADA

Wasalt, Malva?
Qiegħda nieħu
gost narak.



Ġibt stampi?

Iva! ħafna!



Mela x'qed
tistenna biex
turihomli?





Nippreferi narakhom tiżfnu milli tiġġieldu... Fikhom aktar grazzja!




Għandi pjaċir sinjura!

Din Nora, ma. Ġiet tara t-tpiġġijiet tiegħi.



Nista' ndaħħalha? Jekk jogħġbok...



Emmm... Għandna kollox ta' taħt fuq, ma kontx qed nistenna...

Togħhodx tħabbel rasek għal daqshekk.



Xi jfuħ l-ikel sinjura!

Sejjaħli Dimitra.



Qed nagħmel stju!

Jien vera nħobb il-basal u l-karrotti!



Ajma!!!



Ma, ejja naqra! Weġġgħajt!
Ħiereġ ħafna demm!!!

Ejja 'l hawn!



Imn'Alla dejjem inqorr il-kaxxa tal-
ewwel għajna miegħi... Vizzju
minħabba x-xogħol.

Grazzi! Grazzi f'ismu!! U
għat-tifla...



U t-qala tiegħek?
Kif inhi sejra?

Insomma, mhux
ħażin. Mhix bħall-
oħrajn... Spiss ikolli
uġigħ kbir u jkolli
nimtedd.




Wieghdni li għada tiġi ċ-ċentru. Issa nkellem lit-tabib
dwarek... Issa tara, bniedem mill-aħjar u kompetenti ħafna.

Ma rridx karità...
M'għandix flus.



Tinkwieta xejn,
Dimitra. Aħna
ffinanzjati
mill-Fond Soċjali
Ewropew. Il-kura
hija bla ħlas.



Għal aktar informazzjoni

Alex, Nataline, Ivana u Dimitra rnexxielhom jibdlu d-destin tagħhom bl-għajnuna tal-programmi ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

Iżda x'inhu l-FSE eżattament?

L-FSE twaqqaf aktar minn 50 sena ilu, eżattament fl-1957. Huwa l-għodda finanzjarja ewlenija li għandha l-Unjoni Ewropea biex tinvesti fir-riżorsi umani. L-għan tiegħu huwa li jippromwovi l-impjegji billi jtejjeb il-prospetti tal-ħaddiema. Huwa jagħti appoġġ, pereżempju, lill-persuni li għandhom diffikultajiet partikolari biex isibu impjeg, bħan-nisa, iż-żgħażaġh u l-ħaddiema avvanzati fl-età. Jgħin ukoll lill-impriżi jew l-intraprendituri żgħażaġh. Il-Fond jinvesti wkoll fl-educazzjoni u t-taħriġ matul il-ħajja kollha.

L-FSE ma jaħdimx waħdu, iżda jinsab fil-qalba ta' sħubija multipla. Il-proġetti li jappoġġja huma kofinanzjati mill-Istati Membri, u proposti minn stabbilimenti tat-tagħlim u tat-taħriġ, assoċjazzjonijiet, trejtdjunjins, eċċ. Dawn il-proġetti jintgħażlu mill-awtoritajiet nazzjonali biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiżi u tar-reġjuni.

Illum, l-FSE huwa suċċess reali. Kull sena, jiġu investiti 10 biljun ewro biex jiffinanzjaw id-diversi proġetti fis-27 Stat Membru. Dan jippermetti li tiġi mtejbja l-ħajja ta' 10 miljun persuna kull sena billi jgħinohom isibu impjeg jew biex javvanzaw.

Mir-realtà għall-finzjoni

Il-komik *Għajnuna Konkreta* huwa ispirat minn stejjer veri. Fil-fatt, il-Kummissjoni Ewropea ġabret ir-rakkonti ta' 54 ċittadin Ewropew li koll ibbenefikaw mill-programmi ffinanzjati mill-FSE. Quddiem il-kamera, huma rrakkontaw l-istorja tagħhom u kif kellhom aċċess għal opportunitajiet ġodda fl-oqsma tal-impjegji u t-taħriġ. Tista' ssib dawn ir-rakkonti fuq il-websajt: http://ec.europa.eu/employment_social/esf/video/videos_mt.htm

L-awturi

Storja

Rudi Miel

Rudi Miel twieled f'Tournai fl-1965 u ggradwa fil-ġurnaliżmu. Barra milli huwa konsulent fil-komunikazzjoni u jikteb l-istejjer għall-komiks, huwa l-koawtur tal-album *Troubled Waters*, li ġie ppubblikat mill-Parlament Ewropew, li rebaħ il-premju Alph Art għall-komunikazzjoni f'Angouleme fl-2003. *L'Arbre des deux Printemps* (Is-siġra taż-żewġ rebbigħat) (stampi ta' Will & Co – ippublikat minn Le Lombard), li għalih kiteb l-istorja, rebaħ il-premju tal-aħjar album barrani fil-festival tal-komiks ta' Sobreda fl-2001 (il-Portugall). Rudi Miel huwa wkoll koawtur flimkien ma' C. Cuadra u P. Teng ta' *l'Ordre Impair* (Ordni Stramba) (Le Lombard), li l-edizzjoni sħiħa tiegħu ġiet ippubblikata fl-aħħar tal-2009. Għall-kitba ta' *Għajnuna Konkreta*, ħadem f'kollaborazzjoni mal-kittieb tal-iskritt Jean-Luc Cornette.

Tpinġija

Maud Millecamps — Nataline

Imwiela f'Charleroi fl-1982, Maud Millecamps iggradwat mill-École Supérieure des Arts Saint-Luc (Liège) u mill-Académie des Beaux-Arts (Brussell). Hija ħadet sehem fil-kollezzjoni *Amour & désir* għal La Boîte à Bulles (2008) qabel ma ffirmat l-ewwel album tagħha, *Les ġens urbains*, ma' Quadrants fl-2010, fuq xeni ta' Jean-Luc Cornette. Maud tgħix fi Brussell.

Alexandre Tefenkgi — Alex

Alexandre Tefenkgi twieled fl-1979 f'Montpellier. Wara li studja fl-École Supérieure des Arts Saint-Luc (Liège), huwa ltaq' mal-artist Mauricet, li llum qed jaħdem miegħu fl-istess uffiċċju. Huwa kiteb xi stejjer qosra fir-rivista *Spirou*, qabel ma kiteb l-ewwel album tiegħu *Tranquille courage* għal Bamboo.

Vanyda — Ivana

Vanyda, ta' dixxendenza Franċiża u Laosjana, twieldet fl-1979. Waqt li kienet qed tistudja fl-Academie des Beaux-Arts ta' Tournai, taqsimha tal-komiks, hija saret taf lil François Duprat, li miegħu hija kkollaborat fuq is-serje *L'année du dragon* (Carabas) u li ħadem fuq it-tpinġija ta' "Ivana" (kuluri Virginie Vidal). Fil-komiks tagħha, hija tiżviluppa univers intimu u kontemporanju, bħal f'*L'immeuble d'en face* (La Boite a Bulles), fejn wieħed isir jaf il-ħajja ta' kuljum tal-ġirien fuq l-istess sular, jew fis-serje *Celle que...* (Dargaud) li jirrakonta l-iżvilupp ta' adolexxenti, mis-sekondarja sas-sixth form.

You — Dimitra

Imwiela fil-Korea t'Isfel fl-1978, You hija artista li tgħallmet waħedha. Wara taħriġ fl-infografija hija ptingiet diversi kotba għat-tfal, tlieta minnhom fil-ġabra *Moi je sais* tal-editur Auzou. L-ewwel album ta' komiks tagħha deher fis-serje *Sorcières* ta' Dupuis. Bħalissa qiegħda tnejn storja ġdida għall-istess editur, ibbażata fl-aħħar tas-seklu 19.

Il-Kummissjoni Ewropea

Għajnuna Konkreta

Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2011 — 60 pp. — 17.5 x 24.5 cm

ISBN 978-92-79-16911-3

doi:10.2767/55727

Kif jiġu akkwistati l-pubblikazzjonijiet tal-UE

Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja direttament lil wieħed mill-aġenti tagħna inkarigat mill-bejgħ. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-websajt (<http://bookshop.europa.eu>), jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-websajt (<http://ec.europa.eu/>) jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Kulħadd għandu dritt għal possibbiltà oħra

Erba' ħajjiet, erba' toroq. Skopri fil-komik il-ġdid *Għajnuna Konkreta* kif Alex, Nataline, Ivana u Dimitra rnexxielhom jibdlu d-destin tagħhom.

Skopri kif dawn l-erba' Ewropej laqgħu sfida ġdida f'ħajjithom bl-għajnuna tal-appoġġ tal-Ewropa, permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Wara s-suċċess tal-komik *Nifs Ġdid*, ippubblikat fl-2010 fi 23 lingwa, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipproponi din it-tieni sensiela b'sensibilità kbira. Ispirati minn stejjer reali, dawn l-avventuri umani tqiegħdu fi stampi minn erba' kittieba ta' talent: Maud Millecamps, Alexandre Tefenkgi, Vanyda u You fuq xeni ta' Rudi Miel.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-16911-3



9 789279 169113